**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-31 ta' Jannar 2024**

**Rikors Nru : 275/2023JPG**
**Kawza Nru : 17**

**RB**
**vs**
**IB**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ta' RB datat 12 ta' Mejju 2023 a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet inghaqdu fiz-zwieg fi 19 ta' Lulju 2014 kif jidher mill-kopja tac-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala Dok. 'A', u minn din l-ghaqda twieled tifel MB illi llum ghandhu Xo snin;*

2. *Illi l-partijiet ottjenew is-separazzjoni personali in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 16 ta' Jannar tas-sena 2023 fl-atti tan-Nutar Matthew Nicholas Borg;*

3. *Illi m'hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi, oltre l-fatt li ilhom aktar minn xagharejn jghixu separatament minn ma xulxin, huma ghandhom hajja totalment separata u independenti minn xulxin;*

4. *Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tal-parti l-ohra, u dan anke ghaliex il-partijiet irrinunzjaw reciprokament mid-dritt li jitolbu u jottjenu hlas ta' manteniment u dan kif jirrizulta minn klawsola ittra A numru tnejn A (A2) tal-kuntratt ta' separazzjoni;*

5. *Illi ma hemm ebda pendenza dwar hlas ta' manteniment minn xi parti fil-konfront tat-tfal minuri;*

6. *Illi dawn il-fatti jinkwadraw ruhhom u jissodisfaw il-kundizzjonijiet u kriterji kontemplati fl-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex il-partijiet jiksbu d-divorzju.*

***Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:***

1. *Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bill-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex isiru d-debita registrazzjoni u annotamenti fl-atti civili relattivi fir-Registru Pubbliku u dan ai termini tal-Artikolu 66A(4) tal-Kodici Civili, Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

Rat illi r-rikors promotur, l-atti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta tal-intimata (Vide Fol 28) li taqra hekk:

*ILLI l-esponenti ma topponix ghall-pronunzjament tad-divorzju, stante li ma hemmx il-possibilita ta' rikonċiljazzjoni bejn l-partijiet u stante li l-manteniment u l-ispejjeż dovuti għall- minuri huma kollha mħallsa u sa llum ma hemmx*

*arretrati;*

*ILLI l-esponenti tiddikjara li m'għandhiex provi xi tella ħlief l-affidavit tagħha li qed jiġi hawn anness u immarkat* ***Dok IB1****;*

*ILLI l-esponenti tissottometti li hija tixtieq li tirriverti għall-kunjom xbubitha u cioe* ***'D'*** *u għalhekk l-istess bidla għandha tiġi riflessa fid-digriet tad-divorzju sabiex jiġi notifikat id-Direttur tar-Registru Pubbliku fi ħdan Identity Malta .*

*ILLI l-esponenti ma għandhiex tbati l-ispejjeż tal-proċedura.*

*Taħt kull provvediment li l-istess Qorti joġgħobha timponi.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-verbal tas-26 t'Ottubru 2023 fejn il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi x'jipproducu jew trattazzjoni x'jaghmlu u stiednu lill-Qorti tghaddi ghas-sentenza. (Fol 27)

Rat id-dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

**L-attur xehdet** (vide affidavit fol 20) illi l-partijiet izzewgu nhar id-19 ta' Lulju 2014, u minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni. Sostna illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Jannar 2023 in atti tan-Nutar Dr Matthew Nicholas Borg. Xehed illi ma hemm ebda tama ta' rikonciljazzjoni u li ilhom jghixu hajja totalment independenti u separata minn xulxin u lanqas ma hemm ebda manteniment dovut bejn il-partijiet.

**L-intimata xehdet** (vide fol 28) u kkonfermat u kkorroborat dak li xehed zewgha.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

> ***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***
>
> ***(… omissis)***
>
> ***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***
>
> ***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sitt xhur mis-sena preċedenti:***
>
> ***Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***
>
> ***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***
>
> ***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***
>
> ***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ- ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***
>
> ***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:***
>
> ***Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement ppruvat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar id-9 ta' Lulju 2014, liema zwieg jgib certifikat numru 2049/2014 (Vide certifikat taz-zwieg, fol 5). Minn dan iz-zwieg twieled tifel li ghadu minorenni.

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 16 ta' Jannar 2023 in atti tan-Nutar Dr Matthew Nicholas Borg. Ghalhekk jirrizulta illi l-kontendenti ilhom jghixu separatament ghal terminu ta' zmien li jeccedi dak rikjest mill-ligi.

Il-partijiet affermaw illi ma hemmx pendenzi ta' manteniment.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw r-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, liema zwieg jgib certifikat numru 2049/2014 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku. Di piu', tawtorizza lill-intimata sabiex tirriverti ghal-kunjom xbubitha u cioe' 'D' u tordna lid-Direttur tar-Registu Pubbliku sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**Il-Qorti tordna illi l-ispejjes jibqghu bla taxxi bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**Mhallef  Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**